**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 416/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Shelly Mercieca**

**Illum 9 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shelly Mercieca ta' 19-il sena, bint Rennie u Michelle nee' Ellul imwielda Pieta' fit-8 ta' Jannar, 1998 u toqghod St. Nicholas Court Blokk B, Flat 15, Misrah San Nikola Haz-Zabbar detentrici tal-karta ta' l-identita' b'numru 19798M.

1. Akkuzata talli bejn id-19 ta' Gunju, 2017 u l-20 ta' Gunju, 2017 f'diversi hinijet f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlet qliegh ta' madwar €438 ghad-detriment ta' Ruth Degiovanni mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamlet qliegh iehor b'qerq cioe' l-qliegh ta' madwar €438 ghad-detriment ta' Ruth Degiovanni mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

3. Ukoll talli fix-xahar ta' Gunju 2017 f'xi hinijiet mill-fond numru 174 li jinsab fit-Triq il-Kampanella Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta' 'Bank of Valletta Cahslink Card' numru 17300639012 u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Ruth Degiovanni mill-Fgura u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq hu aggravat bil-valur li ma jaqbizx €2329.37 u bil-persuna.

4. Ukoll talli fix-xahar ta' Gunju 2017 f'xi hinijiet mill-fond numru 8 li jinsab fit-Triq San Gorg Rahal Gdid, ikkommettiet serq ta' madwar €470 u portmoni u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Tancredi Vella u Louise Margaretha Vella minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jaqbizx €2329.37 u bil-persuna.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 9 ta' Novembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, fedina penali u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata u cioe' fl-ewwel opportunita' moghtija lilha, u peress li l-imputata ghad ghandha dsatax (19)-il sena u ghalhekk thoss li ghandha ttiha opportunita' ohra fil-hajja dejjem jekk l-imputata trid tisma' u dan peress ukoll peress li l-fedina ta' l-imputata hija wahda netta, ma tarax li ghandha taghti piena ta' habs effettiv.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308, 309, 261(c)(d), 267, 268, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghha u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-llum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputata thallas l-ammont ta' erba' mija u tletin ewro (€430) lil Tancred u Louise Margaret Vella.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**